# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta 22 ta' Diċembru, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1697/20TA**

**Gaetano Galea (ID 806645M), Censina Fava (ID 853644M), John Galea (ID 642954M), Frances Bartolo (ID 1063046M), Maria Cutajar (ID 726049M), Laura sive Lorenza Zammit (ID 772650M) eredi ta' Amabile Galea kif ukoll Carmelo sive Charles Darmanin (ID 533552M), Richard Darmanin (ID 488741M), Frank Darmanin debitament rappresentat minn Carmelo sive Charles Darmanin, Mario Darmanin (ID 311751M), Salvinu Darmanin (ID 851949M), Vivien Caruana (ID 264444M) u Miriam Seychel (Id 119760M) eredi ta' Grace Darmanin**

**vs**

**Carmena Bugeja (Karta tal-identita Numru 0119849M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Gaetano Galea u oħrajn tal-1 ta' Diċembru 2020;

.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Dicembru, 2020;

Rat ir-risposta ta' Carmena Bugeja tal-10 ta' Diċembru 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri jissottomettu dwar dawn il-proċeduri;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimata milli tneħħi jew titrasferixxi l-ishma indiviż mill-immobbli u mobbli derivanti mill-eredita' ta' zijithom Mary Doris sive Dolores Ellul. L-assi imsemmija jinsabu deskritti fin-nota a' fol 13 tal-proċess ta' dawn il-proċeduri. Huma jinsistu li din il-propjeta' tappartjeni lilhom u mhux lill-intimata anke jekk din issostni li wirtithom mingħand Carmelo Ellul żewġ l-imsemmija Mary Doris sive Dolores Ellul.

L-ewwel ma jrid jiġi eżaminat huwa l-punt issollevat mill-intimata u cioe' n-nullita' tal-proċedura peress li ma ġewx osservati d-dettami tal-artikolu 831(1)(a)(b) u 832 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Tal-ewwel jiddisponi:

**"831.(1)** *It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmijagħandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħtil-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħujkunu ordnati b'regolamenti:*

*(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u*

*(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn,jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.*

*Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dikit-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeżġudizzjarji kollha."*

U tat-tieni

"***832***.*Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta'somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġuramentimsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hijabejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jewpretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dikit-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat."*

Il-Qorti tosserva li f'dan ir-rigward il-liġi tagħmel differenza bejn pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' flus, bħal ma huwa dejn jew danni. Imbagħad, hemm ukoll il-pretensjoni li mhux bil-fors tista' tissarraf fi flus, iżda kreditu li dak li jkun jrid qiegħed fiż-żgur, bħal per eżempju d-dritt għall-wirt b'dak kollu li jkun fih bħala *massa universitas.*

Din id-distinzjoni tagħmel sens, għaliex f'każ ta' pretensjoni li tkun rejalizzabbli f'somma flus, l-persuna kolpita bil-mandat trid tkun f'posizzjoni li teżerċita d-dritt għall-ħruġ ta' kontro mandat taħt xi uħud mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 jew 830(1)(2)(a) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dan intqal fost oħrajn fis-**Sentenza fl-ismijiet Dr. Anthony Galea noe -vs- Adrian Aguis tal-31 ta' Lulju 2014** ċitata mill-intimata fir-risposta tagħha. Iżda

il-Qorti tinnota, li l-pronunzjament f'dik il-kawża kien jirrigwarda likwidazzjoni tad-danni u allura kwantifikabbli f'somma flus. Dan mhux il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Ara li kieku r-rikorrenti qed javvanzaw pretensjonijiet għas-sehem riservat (ġja leġittima) u mhux bħala eredi, kienet tkun storja oħra, u dan għaliex, skont artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili dan id-dritt illum huwa kreditu u ma għadux jitħallas in specie. Għalhekk kwantifikabbli.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ li għandha quddiemha jidħol fid-dispost tal-artikolu 831(1)(a). Bħala raġuni huwa biżżejjed li tissemma' l-oriġini, f'dan il-każ huwa wieħed ta' wirt u dan kif effettivament indikaw ir-rikorrenti. Għalhekk f'dan ir-rigward, l-intimata ma għandhiex raġun.

Fil-mertu, din il-Qorti eżaminat l-atti. Mingħajr ma din il-Qorti jeħtieġilha toqgħod tagħmel litanija ta' Sentenzi huwa biżżejjed li jingħad li biex mandat bħal dan jintlaqa', jeħtieġ li jiġu sodisfatti żewġ kriterji. L-ewwel kriterju hu, li min jitolbu jrid juri li l-mandat hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu, tant li bin-nuqqas tal-ħruġ tiegħu l-imsemmi ser isofri preġudizzju. It-tieni kriterju hu, li r-rikorrent ikun jidher li għandu prima facie dawk il-jeddijiet.

Dan huwa eżami li din il-Qorti trid tagħmel mad-daqqa t'għajn. L-eżami fil-fond tad-dritt sostanzjali għad irid jiġi eżaminat minn dik il-Qorti tiġi adita għaldaqshekk. (**Ara Grech proprio et nomine vs Manfre` – A.C. – deċiza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u 40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar (P.A. (RCP) – deċiza fit-2 ta' Novembru 2010 u Emanuel Sammut vs Josephine Sammut", P.A. (TM) deċiza fil-5 ta' Ġunju 2003).**

Wara li din il-Qorti fliet l-atti u semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw dawn il-proċeduri, hija tal-fehma li jesistu l-elementi kollha sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu. Iżda, kif tajjeb issolleva l-avukat tal-intimata, din il-Qorti trid tara, li sa fejn jidħlu immobbli u assi mobbli, dawn għandhom ikunu espressament indikati. Għalhekk, il-Qorti ser tkun qed tilqa' t-talba fir-rigward tal-immobbli indikati bin-numru wieħed (1) u tnejn (2) tar-rikors (a' fol 1) u fir-rigward għall-mobbli, flejjes jew titoli għall-flejjes kif deskritti u elenkati fin-nota li tinsab f'dan il-proċess (a' fol 13).

Għaldaqstant din il-Qorti, fil-waqt li qed tikkonferma l-ordni provviżorja tal-1 ta' Diċembru 2020 sa fejn jirrigwarda l-propjeta' kollha fuq imsemmija kif fuq spjegat, qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet jigi notifikat lill-Awtoritajiet kompetenti.

Spejjes ta' din il-proċeduri a' karigu tal-intimata.

**Moghti kameralment illum 22 ta' Diċembru, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**